**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 189/2025/1 GMG**

**James Grech (K.I 579482M)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat u**

**L-Avukat Generali**

Illum 30 ta' Mejju, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors mressaq minn James Grech quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 2025 li bih talab li jinghata rimedju *ad interim* billi tkun sospiza l-eżekuzzjoni ta' sentenza karcerarja kontra tieghu bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi r-rikorrent James Grech (K.I 579482M) ippreżenta rikors kostituzzjonali quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn jitlob dikjarazzjoni li ġew leżi d-dittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi r-rikorrent jinsab fil-prezent qed jiskonta sentenza ta' ħdax (11)-il sena priġunerija wara li nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2022, liema sentenza ġiet ikkonfermata mil-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru 2024;

3. Illi r-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabli Qorti sabiex, pendenti d-determinazzjoni tal-mertu tar-rikors kostituzzjonali, tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza kriminali msemmija, u dan għar-ruġunijiet li ġejjin:

RAGUNIJIET GHAT-TALBA TA' MIZURA INTERIM

4. Illi l-ħtieġa għal miżura interim urġenti u neċessarja sabiex jiġi evitat preġudizzju irimedjabbli lir-rikorrent, u dan għar-ragunijiet segwenti:

a. Prima Facie, jeżistu raġunijiet serji u validi li jindikaw li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq ġew miksura, kif dettaljat fir-rikors kostituzzjonali principali;

b. Mingħajr is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, ir-rikorrent se jkompli jiskonta sentenza ta' priġunerija li tista' tiġi ddikjarata li ngħatat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

c. Jekk ir-rikorrent jibqa' inkarċerat penedenti d-determinazzjoni tal-mertu tar-rikors kostituzzjonali, huwa se jsofri preġudizzju irrimedjabbli peress li ż-żmien li jqatta' l-ħabs ma jistax jiġi rritornat lilu anke jekk eventwalment jirbaħ il-kawża kostituzzjonali;

d. Il-bilanċ tal-konvenjenza jippendi favur ir-rikorrent, peress li l-ħsara li se jsofri jekk jibqa' inkarċerat hija ferm akbar mill-preġudizzju li jista' jsofri l-pubbliku jekk huwa jiġi temporanjament rilaxxat pendent d-determinazzjoni tal-kawża kostituzzjonali.

5. Illi r-rikorent jissottometi li jeżistu raġunijiet serji u validi li jindikaw li d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq ġew miksura, kif jidher mis-segwenti:

a. Dewmien Eċċesiv: Kien hemm dewmien eċċessiv u mhux ġustifikat ta' għaxar snin bejn l-investigazzjoni oriġinali fl-2006 u l-ftuħ mill-ġdid tal-każ fl-2015. Dan id-dewmien jikser id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif prottet mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

b. Telf ta' Evidenza u Xhieda: id-dewmien eċċessiv wassal ghat-telf ta' evidenza u xhieda kruċjali għad-difiza tar-rikorrent. Kif irrimarkat il-Qorti tal-Appell stess, kien ikun aħjar li kieku telgħu jixhdu t-tfal kollha tal-van, iżda dan ma kienx possibli minħabba li kienu għaddew diversi snin;

c. Inverżjoni tal-Oneru tal-Prova: Il-Qorti effettivament invertiet l-oneru tal-prova billi poġġiet fuq ir-rikorrent il-piż li jipprova l-innoċenza tiegħu, kif jidher minn diversi dikjarazzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti;

d. Kundanna bbażata Biss fuq Xhieda tal-Allegata Vittma: Ir-rikorrent ġie kkundannat biss fuq ix-xhieda tal-allegata vittma, minghajr evidenza korroborattiva, minkejja li l-allegata vittma kienet diga' ġiet ikkunsidrata mhux kredibbli fl-investigazzjoni oriġinali.

6. Illi l-ġurispridenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-qrati Maltin tappoġġja l-argument tar-rikorrent li d-dritijiet fundamentali tiegħu ġew miksura:

a. Fil-każ ta' Galea and Pavia v. Malta (Applications nos. 77209/16 and 77225/16, sentenza tal-11 ta' Frar 2020), il-QEDB sabet li Malta kienet kisret l- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba t-tul eċċessiv tal-proċeduri kiriminali;

b. Fil-każ ta' Dan v. Molodova (No.2) Application no. 57575/14, sentenza tal-10 ta' Novembru 2020), il-QEDB sabet ksur tad-dritt għal smigħ xieraq f'sitwazzjoni fejn il-kundanna tal-applikant kienet ibbażata fuq xhieda kontradittorja, video mitluf, u nuqqas ta' eżami ta' xhud kruċjali;

c. Fil-każ ta' Barbera', Messegue' and Jabardo v. Spain (Application no. 10590/83, sentenza tas-6 ta' Diċembru 1988),

il-QEDB enfasizzat li l-Artikolu 6 & 2 jirrikjedi, fost l-oħrajn, li l-oneru tal-prova huwa fuq il-prosekutur;

d. Fil-każ reċenti ta' Angelo Zahra v. Attorney General (2022), il-Qorti Kostituzzjonali Maltija sabet li perjodu ta' 19-il-sena għall-proċeduri kriminali kien jikser l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. Illi l-Qrati Maltin għandhom is-setgħa li jordnaw miżuri interim sabiex jipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-individwi pendenti d-determinazzjoni tal-mertu ta' kawża kostituzzjonali. Din is-setgħa hija rikonoxxuta fil-ġurisprudenza Maltija u hija mizuri interim f'kawzi kostituzzjonali;

a. Illi fil-każ ta' Tonio Borg v. Malta (Rikors Nru. 14/2006, deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2006), il-Qorti ddikjarat li għanda s-setgħa li tordna miżuri interim sabiex tipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwi pendenti d-determinazzjoni tal-mertu ta kawża kostituzzjonali;

8. Illi r-rikorrent jissottemeti li l-bilanċ tal-konvenjenza jippendi favur tiegħu, peress li:

a. Huwa se jsofri preġudizzju jekk jibqa' inkarċerat penedenti d-determinazzjoni tal-kawża kostituzzjonali;

b. Huwa għandu rabtiet sodi mal-komunita' u mhuwiex ta' riskju għall-pubbliku;

c. Huwa lest li jikkonforma ma' kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti tista' timponi, bħal rapportar regolari fl-għassa tal-pulizija, ħlas ta' garanzija, jew kwalunkwe miżura oħra li l-Qorti tqis xieraq;

d. Il-kawża kostituzzjonali tqajjem kwistjonijiet serji u kumplessi li jistgħu jieħdu żmien konsiderevoli biex jiġu determinati, u għalhekk huwa ġust u ekwu li r-rikorrent ma jibqax inkarċerat matul dan il-perjodu kollu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabli Qorti sabiex:

1. Tordna bħala miżura interim penedenti d-determinazzjoni tal-mertu tar-rikors kostituzzjonali, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza kriminali mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikarutura Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2022 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru 2024;

2. Tordna r-rilaxx immedjat tar-rikorrent mill-ħabs, taħt dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabli Qorti jidhrilha xieraq;

3. Tagħti kwalunkwe ordni jew direttiva oħra li jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-22 ta' Mejju 2025 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-26 ta' Marzu, 2025 fl-10.30 u ordnat li r-rikors ikun notifikat lill-intimati bi zmien tmienja u erbghin siegha ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Generali mressqa fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2023 bis-segwenti eccezzjonijiet:

1. Fil-31 ta' Ottubru, 2022, James Grech ("ir-rikorrent") ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli stupra u kkorrompa minuri ta' tmien snin u għalhekk ikkundannatu għal ħdax-il sena priġunerija. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 2024. Ir-rikorrent issa fetaħ proċeduri kostituzzjonali fejn qiegħed jilmenta li ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba allegat dewmien irraġonevoli fil-proċeduri penali surreferiti, apparti li qiegħed jikkontendi li minħabba xi allegati nuqqasijiet proċedurali f'dawk il-proċeduri, hu ma kellux jiġi misjub ħati. Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti tiskarċerah mill-ħabs taħt dawk il-kundizzjonijiet li tqis xieraq.

2. L-esponenti qegħdin jopponu għal din it-talba, u dan għas-segwenti raġunijiet.

3. Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji provviżorji għandhom jingħataw **biss** f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi **Karen Reid** fil-ktieb tagħha, **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** tgħid:

> "As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk

of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."

4. Referenza ssir ukoll għad-digriet mogħti fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs. L-Avukat tal-Istat et** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-16 ta' Ġunju, 2020 fejn is-suġġett tal-ħruġ ta' rimedji provviżorji ġie studjat estensivament:

"Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' *interim measures*. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent**. Tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**.

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**".

…

4. L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' *interim measure* il-ħsara mhedda

jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urgenza litiskatta l-htiega tat-tehid tal-mizura eċċezzjonali msemmija.

**5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali.**" [Enfasi tal-Qorti]

5. Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,[1] talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija,[2] u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.[3]

6. Imiss issa li dan it-tagħlim jiġi applikat għall-każ odjern.

7. B'referenza għat-tieni element, l-esponenti ma jaraw ebda lok ta' ksur *prima facie*. Ir-rikors tar-rikorrent huwa sempliċiment lista ta' allegazzjonijiet għala fil-fehma tiegħu l-proċess penali li għadda minnu ma kienx wieħed san. Il-fatt li r-rikorrent għamel dawn l-allegazzjonijiet ma huwiex biżżejjed biex wieħed jgħid li l-livell ta' *prima facie* ntlaħaq.

8. In kwantu għat-tielet u r-raba' elementi, iż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs waqt li qiegħed jesegwixxi sentenza karċerarja legalment u validament mogħtija kontrih ma tikkostitwixxix ħsara rreparabbli għall-interessi vitali tiegħu.

9. In kwantu għall-ħames element, hawnhekk għandna każ ċar fejn il-każ tar-rikorrent għadda in ġudikat, u l-esponenti ma jaraw ebda ċirkostanza eċċezzjonali li timmerita li dak il-ġudikat jiġi sospiż.

10. Bħala eżempju finali, l-esponenti jirreferu għad-digriet mogħti fil-kawża ta' **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja**

[1] Ara Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju, 2013 u Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-27 ta' Frar, 2017.

[2] Ara Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fit-13 ta' April, 2018.

[3] Ara Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April, 2014, Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju, 2016, u Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017.

**et**,[4] fejn f'dak il-każ eċċezzjonalment ingħata rimedju provviżorju wara li fil-mori ta' dawk il-proċeduri skattat inkjesta maġisterjali peress li x-xhud prinċipali li abbażi tad-depożizzjoni tagħha Emanuel Camilleri kien ġie misjub ħati ammettiet li kienet xehdet il-falz fil-proċeduri kriminali istitwiti kontrih, u għalhekk, f'dawk iċ-ċirkostanzi pjuttost eċċezzjonali, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ħasset li kellha tagħti rimedju provviżorju. Iċ-ċirkostanzi straordinarji ta' dak il-każ ma jeżistux fil-każ odjern; ma hemm ebda fattur li ġenwinament jitfa' dubju fuq il-proċess penali tar-rikorrent.

11. Magħdud dan kollu għalhekk, it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju għandha tiġi miċħuda.

Bl-ispejjeż.

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2025;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija decizjoni dwar it-talba tar-rikorrenti ghas-sospensjoni tal-ezeuzzjoni ta' sentenza u r-rilaxx immedjat tieghu mill-habs pendenti s-smiegh tal-proceduri ta' natura kostituzzjonali intavolati kontestwalment ma' dan ir-rikors. Ghalhekk it-talba hija wahda ghall-mizura *ad interim*, ossia ghall-rimedju provvizorju sakemm ikun deciz ir-rikors kostituzzjonali fl-istess ismijiet bin numru 189/2025 GG;

2. Illi l-fatti li taw lok ghar-rikors odjern brevement rakkontati , ghaliex il-Qorti ghadha mhix edotta mill-fatti kollha li jsawru l-

[4] Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 2 ta' Ġunju, 2014.

kawza kriminali kontra r-rikorrenti, huma li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 t'Ottubru, 2025 r-rikorrenti qieghed jiskonta piena karcerarja ta' hdax (11)-il sena. Precedenti ghal din is-sentenza, hemm dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2022. Jidher illi r-rikorrenti kien investigat mill-Pulizija lura fis-sena 2006 izda ma inizzjat ebda proceduri kriminali kontra tieghu. Fis-sena 2014, wara lment mill-istess kwerelanta, l-Pulizija ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati li erogat sentenza ta' prigunerija kontra tieghu liema sentenza, izda, kienet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali u b'hekk l-proceduri nbdew mill-gdid u ghaddew in gudikat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 t'Oottubru, 2024[5] b'kundanna ghal piena karcerarja ta' hdax (11)-il sena;

**<u>Ir-rimedju provvizjori intentat mir rikorrenti</u>**:

3. Illi huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fis-subartikolu (2) tieghu u l-atrikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319 jaghtu l-poter lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha sabiex tohrog ordni provvizorja bil-ghan li twaqqaf milli ssir jew tissokta azzjoni li tista' tkun leziva ghad-drittjiet fundamentali . Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**46 (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna**

[5] Dawn il-fatti jirrizultaw minn ezami li l-Qorti ghamlet tas-sentenzi kif rappurtati fuq is-sistema ta' sentenzi *on line* b'referenza ghal dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Grech (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2022 u dik fl-istess ismijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 t'Ottubru, 2024.

**skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:**

**Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.**

4. Illi harsa lejn is-sentenzi fl-ismijiet **Joseph Emmanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et** (Qorti Kost. 22/08/2005 ) u **Sherif Mohamed Shennawyh v. l-Avukat Generali et** (Qorti Kost 29/03/2019) fost skorta ta' sentenzi jaghtu sostenn bizzejjed sabiex il-Qorti ma tinoltrax aktar minn hekk fuq l-ezistenza ta' dan il-jedd ta' protezzjoni kif emergenti mill-artikoli msemmija *supra*;

5. Illi daqstant iehor huwa principju ben stabbilit kwantu l-applikabbilita' ta' dan il-jedd u r-ricerka li jehtieg taghmel il-Qorti biex tasal tohrog dik l-ordni u f'dan ir-rigward tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov vs Turkey** (Application Nrs: 46827/99 and 46951/99 ECtHR (Grand Chamber) fejn kien ritenut:

> *"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights*

*guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

Tissokta tirritjeni l-qorti illi:

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".*

6. Illi fis-sentenza **HSBC Bank (Malta) plc vs l-Avukat tal-Istat et** (PA (Sede kost) 16/06/2020) li ghaliha jaghmlu referenza l-intimati odjerni fir-risposta taghhom, il-Qorti ghaddiet in rassenja numru ta' sentenzi li minnhom siltet princjipji li qieset bhala linji gwida fil-hrug tal-ordni bhal dik intentata meta rriteniet:

Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinstiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropeja, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.** Tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli

japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ.**

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel . Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**".

7. Din il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament gia addottat f'kawzi ohra bhala linji gwida u ghalhekk taghzel li tissokta bl-ezami tal-kwistjoni hawn skrutinata fl-isfond ta' dawn il-kriterji. Fir-rikors promotur, **r-rikorrenti** qed jitlob din il-mizura ghaliex hu tal-fehma li"*jezistu ragunijiet serji u validi li jindikaw li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq gew miksura ".* Huwa mbaghad jissokta jfisser din il-lezjoni bhala konsistenti fid-dewmien eccessiv bejn l-investigazzjoni inizzjali fis-sena 2006 u l-dik tal-2015. Jispjega ukoll ir-rikorrent illi d-dewmien eccessiv wassal ghat-telf ta' evidenza u xiehda krucjali ghad-difiza tieghu stante illi mhux it-tfal kollha prezenti fil-vann misjuq mir-rikorrenti ddeponew fil-kawza. Jghid ukoll ir-rikorrenti illi l-ewwel Qorti invertitet l-oneru tal-prova u tefghet il-piz taghha fuq ir-rikorrenti. Finalment spjega kif huwa instab hati biss fuq id-deposizzjoni mhux korroborata tal-allegata vittma.;

8. Illi mir-risposta tal-**intimati** hija prominenti l-osservazzjoni illi dawn iz-zewg ilment gia jifformaw parti mill-aggravji tar-rikorrenti fir-rikors tal-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

9. Issa, kwantu ezami tal-fatti milli ottika tal-ewwel kriterju tal-linji gwida senjalati *supra*, wara li l-Qorti ezaminat il-fatti skarsi u rat is-sentenzi mertu tal-kaz, ma tara xejn li mad-daqqa t'ghajr jista' jimmerita akkoljiment tat-talba. Il-process kontra r-rikorrenti ghadda in gudikat wara li huwa ezercita l-jedd tieghu ta' appell. Ifisser dan, illi l-proceduri kontra tieghu ghaddew ukoll mill-gharbiel tal-qorti ta' revizzjoni. Dan wahdu ma jfissirx u ma ghandux jiftiehem illi dak allegat mir-rikorrenti ma jisthoqx li jkun skrutinat u finalment deciz favur tieghu jekk ikun il-kaz, izda jfissir biss li minn dak minnu allegat ma hemm xejn li jiswa' sabiex, b'mod eccezzjonali, ikun mehlus mill-inkarcerazzjoni b'effett ta' sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. Il-gurisprudenza citata mir-rikorrenti ma tiswiex ghall-kaz tieghu ghaliex f'dawk il-kawzi, minkejja sejbien ta' lezjoni ta' jeddiet fundamentali, hadd minnhom ma kien mehlus izda inghata dak il-kumpens monetarju misthoqq;

10. Iz-zewg partijiet jaghmlu referenza ghas-sentenza **Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**[6] fejn il-Qorti kienet skarcerat lir-rikorrent wara sejbien ta' htija. Ghalkemm huwa principju assodat fis-sistema guridiku taghna li kull kaz irid ikun tratt u deciz fuq il-mertu tieghu, dak il-kaz kien wiehed ghal-kollox differenti mnn dak odjern. Hemmehkk kien hemm cirkostanza fejn, wara li l-kawza kontra Camilleri ghaddiet in gudikat, rrizulta illi x-xhud

[6] PA (Sede Kost) tat-2 ta' Gunju, 2014

kienet xehedet il-falz kontra tieghu u ressqet hi stess biex tiddikjara dak il-fatt. L-ilmenti fir-rikors odjern xejn ma huma konsoni mal-fatti f'dak il-kaz u ma jlissnu ebda thassib fuq livell ta' *prima facie* li jekk ma jkunux akkolti ser ikun hemm pregudizzju irrimedjabbli. L-istess irid jinghad kwantu l-possibbilta' ta' riskju imminenti;

11. Ir-rikorrent jilmenta li ma ghandu l-ebda rimedju iehor [sabiex ikun skarcerat pendenti din il-procedura]. Ir-rikorrenti ghandu ragun dwar dan ghaliex il-procedura fir-rit kriminali tintemm jew mal-prolazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad f'kaz li ma jkunx interpost appell, jew mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan il-kaz ghaddiet in gudikat wara appell u in mankaza ta' xi fatt li jallega ingustizzja bhal dik konsimili ghall-kaz Emanuel Camilleri, l-Qorti ma ghandhiex tikkontempla din il-mizura provvizorja li, kif intqal, tinghata biss eccezjonalment, f'kaziijiet ta' urgenza estrema fil-prospett ta' hsara ossia pregudizzju imminenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara l-kunsidrazzjonijiet maghmula, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-mizura *ad interim* kif postulata fir-rikors promutur.

L-ispejjez ta' din il-procedura huma rizervati ghall-gudizzju finali.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur